**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 11 ta' Marzu, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**-vs-**

**Zeiad Mohamed Abuzoda detentur tal-karta tal-identita` numru 115350A**

*Kumpilazzjoni Nru. 598/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Zeiad Mohamed Abuzoda, u cioe` talli:

Nhar il-21 ta' Marzu, 2018, ġewwa San Pawl il-Baħar, volontarjament għarraq, ħassar jew kisser ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Christopher Borg u/jew persuni oħra, liema ħsara tammonta għall-aktar minn 2500 ewro.

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A.G. Vella LL.D. fil-05 ta' Novembru, 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel delitt f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija nhar il-05 ta' Novembru, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skont it-termini tal-Artikolu 383, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar it-13 ta' Frar, 2019, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, izda mhux dwar il-*quantum* tal-hsarat fejn irremmetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar l-ammont tal-hsarat gie kkunisdrat il-**Current Incident Report** minn fejn jirrizulta li xhin wasslu fuq il-post il-pulizija, ikkonstattaw li

kienu tkissru biss **zewg** *lamp posts* u *menu board*,[1] flimkien ma ghadd ta' flixken tal-birra.[2] L-istills juru biss lill-imputat jitfa' flixken lejn l-istabbilment u jaqleb *high bar tables* li jirreklamaw il-'Coca Cola' - indikazzjoni li dawn huma reklam li generalment jinghataw b'xejn lill-stabbilimenti li jbieghu l-prodott reklamat.

Ghalkemm l-imputat jidher igorr fuq daru siggijiet din hi okkazzjoni wahdanija fejn jidher vicin xi siggu; u jidher igorr – mhux ikisser – hames siggijiet. Illi l-parte leza naqas milli jipprova soddifacentement mqarr permezz ta' ritratti li juru l-hsarat allegatament kkawzati fuq l-imwjjed u s-siggijiet u li bhala konsegwenza talab u esebixxa stima minghand Pace & Mercieca.[3] Jinghad ukoll li filwaqt li l-CIR jindika li tkissru zewg fanali,[4] il-parte leza jsemmi 3 fanali,[5] izda l-invoice hi mahruga ghal 5 fanali.[6] L-*invoice* esebita tistma li kull fanal jiswa €117.832.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ser tkun ferm kawta meta tqis l-ammont tal-hsarat li jista' jitqies responsabbli ghalihom l-imputat u dan tenut kont li fil-kamp penali l-provi migjuba iridu jwasslu sal-grad tal-konvinciment morali; grad li dwar l-ammont tal-hsarat verament sofferti mill-parte leza Borg, baqa' mhux soddifacentement ippruvat. Ghalhekk il-Qorti qed tasal ghall-ammont ta' hsarat dovuti *arbitro bona viri*, fejn l-ammont ta' hsara qed ikun stmat li jeccedi l-€23.29 izda mhux il-mitejn u hamsin ewro (€250).

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, l-ammissjoni tieghu, tal-karattru refrattarju tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi issir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza tat-18 ta' Jannar, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Farrugia**:[7]

[1] Fol.6
[2] Ibid.
[3] Fol.16
[4] Fol.6
[5] Fol.25
[6] Fol.15
[7] Per Onor. Imhallef Dr. Vincent De Gaetano

Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija « irriversibbli » - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal « first offenders » zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna « a window of opportunity » li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979):

Il-Qorti giet informata li l-imputat gja qed ikun segwit minn *probation officer* fuq kaz iehor u ghaldaqstant sabiex ma jisfax fix-xejn il-progress li sar sa issa, u tenut kont tan-natura tar-reat li dwaru qed tinstab htija - dik ta' hsara volontarja, fejn kif inghad il-hsara kkawzata ma kienitx wahda konsiderevoli - il-Qorti hi disposta taghti opportunita` unika, sabiex bil-fatti issa, l-imputat jbiddel d-direzzjoni li kienet hadet hajtu. Sabiex dan jista' jsehh, fic-cirkostanzi il-Qorti jidrilha li piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja. Minn naha l-ohra l-imputat ser ikollu x-xabbla tal-gustizzja mdendla fuq rasu tul is-sentejn li gejjin u dan ghandu jservi bhala deterrent sabiex igib ruhu sew konxxju tal-fatt li mal-inqas trasgressjoni din il-Qorti mhux ser issib diffikulta` titratta mieghu bhala bniedem li rema' l-ahhar cans sabiex jevita piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 49, 50 u 325(1)(c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn (2) millum.

Inoltre` wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qeghda testendi s-sentenza sospiza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Novembru, 2015, ta' sena (1) prigunerija ghal tlett (3) snin ohra li jibdew jiddekorru mill-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati jhallas lill-parti derubata is-somma ta €250 fi zmien hames xhur millum.

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f'kawża ċivili bejn l-impjegat u d-derubat.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk ma jsegwix l-ordnijiet li jigu impost fuqu tul il-perjodi ta' supervizjoni fuqu imposti.

Tordna notifika lir-Registratur ai fini tal-artikolu 28B(4) u (5) tal-Kodici Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**